



---

*Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern*

---

**2019/2069(DEC)**

21.1.2020

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kwittanza għall-implementazzjoni tal-baġit taċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga għas-sena finanzjarja 2018  
(2019/2069(DEC))

Rapporteur għal opinjoni: Roberta Metsola

PA\_NonLeg

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbi, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jenfasizza r-rwol importanti taċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga ("iċ-Ċentru") li jipprovdil lil dawk responsabbi mill-politika u lill-operaturi fis-settur b'analiżi u informazzjoni dwar id-droga u d-dipendenza fuq id-droga kif ukoll b'xejriet emerġenti bil-ħsieb li jiġu miġġielda b'mod effettiv l-użu u t-traffikar illeċitu tad-droga, u jfakkar li t-traffikar tad-droga ġie identifikat bħala sors ewljeni ta' profit u mezz ta' reklutaggħ għall-kriminalità organizzata u t-terroriżmu; ifakkar il-fatt li l-mandat taċ-Ċentru ġie estiż fl-2018 biex jinkludi, fost raġunijiet oħra, responsabbiltajiet ġodda u sħubiji formali ma' aġenzijsi oħra tal-Unjoni, bħall-Europol;
2. Jilqa' l-fatt li l-Qorti tal-Awdituri ("il-Qorti") iddikjarat li t-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali taċ-Ċentru għas-sena finanzjarja 2018 kienu legali u regolari fl-aspetti materjali kollha u li l-pożizzjoni finanzjarja tiegħu sal-31 ta' Diċembru 2018 hija rappreżentata b'mod korrett; jinnota li, minkejja l-mandat estiż taċ-Ċentru, il-baġit finali tiegħu fl-2018 baqa' stabbli u kien jammonta għal EUR 16-il miljun u l-personal tiegħu naqas minn 111 għal 103;
3. Jirrikonoxxi l-isforzi taċ-Ċentru biex jadotta kultura ta' xogħol aktar flessibbli, inkluża orjentazzjoni akbar lejn il-ġestjoni ta' proġetti; jinnota li ċ-Ċentru uża erba' ħaddiema temporanji pprovduti minn aġenzijsa tax-xogħol temporanju biex jagħmel tajjeb għat-taqeqi tal-personal statutorju tiegħu; jiddeplora l-fatt li l-kuntratt qafas rilevanti ma kienx jeħtieġ b'mod espliċitu r-rispett sħiħ tal-liġi tal-Unjoni u l-liġi nazzjonali rilevanti u li l-ħaddiema temporanji tħallsu ferm inqas mill-personal statutorju; jieħu nota li, fit-tweġiba tiegħu, iċ-Ċentru jiddikjara li l-liġi tal-Unjoni u dik Portugiża applikabbli ġew rispettati u li s-salarju aktar baxx kien dovut għal-livell aktar baxx ta' responsabbiltajiet; jilqa' l-intenzjoni taċ-Ċentru li madankollu jivvaluta mill-ġdid il-politika tiegħu fir-rigward tal-użu ta' ħaddiema temporanji biex jallinja aktar lil dawn tal-aħħar mal-ħtiġijet operattivi tiegħu u l-qafas legali rilevanti; iħeġġeġ liċ-Ċentru biex, kemm jiista' jkun, jimpjega personal permanenti;
4. Jinnota li l-Qorti identifikat tendenza orizzontali fost l-aġenzijsi fir-rigward tal-użu ta' personal estern impjegat fi rwoli ta' konsulenza tal-IT; jitlob li d-dipendenza fuq ir-reklutaggħ estern f'dan il-qasam importanti tīġi indirizzata;
5. Jinnota li, fil-każ ta' ħames proċeduri ta' akkwist ta' valur baxx ta' inqas minn EUR 60 000, kandidat wieħed biss ippreżenta offerta; jirrikonoxxi l-isfidi biex jiġu attirati offerenti għal kuntratti ta' valur baxx iżda jħeġġeġ liċ-Ċentru biex jagħmel sforzi akbar biex jiżgura proċeduri ta' akkwist kompetittivi irrispettivamente mill-valur tagħħom bil-ħsieb li jiġu garantiti l-akkwisti bl-aħjar relazzjoni bejn il-prezz u l-kwalità mingħajr pregħiduzzju għall-prinċipji ta' proporzjonalità u ta' ugwaljanza fit-trattament tal-offerenti potenzjali kollha;
6. Jiddeplora l-fatt li l-kontribuzzjoni finanzjarja tan-Norveġja liċ-Ċentru ma għadhiex tirrifletti l-formula ta' kontribuzzjoni minima miftiehma fl-2006; iħeġġeġ lill-

Kummissjoni u lin-Norveġja jiċċaraw u jikkonfermaw malajr il-metodu użat biex tīgi kkalkulata l-kontribuzzjoni minima tan-Norveġja bil-għan li japplikawh kemm jista' jkun malajr;

7. Jilqa' l-fatt li l-osservazzjonijiet kollha tal-Qorti ġew attwati u kkompletati;
8. Iqis li l-adozzjoni tad-Dokument ta' Programmar 2019-2021 taċ-Ċentru, li huwa kompletament ibbażat fuq l-Istrateġija 2025 tal-EMCDDA<sup>1</sup>, jirrapreżenta pass importanti fil-qafas ta' ppjanar strateġiku u operattiv taċ-Ċentru.

---

<sup>1</sup> EMCDDA, "Strateġija 2025 tal-EMCDDA", Lisbona, Marzu 2017; [http://www.emcdda.europa.eu/publications/work-programmes-and-strategies/strategy-2025\\_en](http://www.emcdda.europa.eu/publications/work-programmes-and-strategies/strategy-2025_en).

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

<b>Data tal-adozzjoni</b>	13.1.2020
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: -: 0: 53 3 1
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Konstantinos Arvanitis, Malik Azmani, Pietro Bartolo, Nicolas Bay, Vladimír Bilčík, Vasile Blaga, Saskia Bricmont, Damien Carême, Caterina Chinnici, Tudor Ciuhodaru, Clare Daly, Lena Düpont, Cornelia Ernst, Sylvie Guillaume, Balázs Hidvéghi, Evin Incir, Sophia in 't Veld, Patryk Jaki, Fabienne Keller, Moritz Körner, Alice Kuhnke, Jeroen Lenaers, Juan Fernando López Aguilar, Roberta Metsola, Javier Moreno Sánchez, Maite Pagazaurtundúa, Kostas Papadakis, Nicola Procaccini, Emil Radev, Paulo Rangel, Terry Reintke, Ralf Seekatz, Michal Šimečka, Birgit Sippel, Sylwia Spurek, Tineke Strik, Ramona Strugariu, Tom Vandendriessche, Bettina Vollath, Ann Widdecombe, Elena Yoncheva, Javier Zarzalejos
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Damian Boeselager, Patrick Breyer, Delara Burkhardt, Lucia Ďuriš Nicholsonová, Monika Hohlmeier, Beata Kempa, Ondřej Kovařík, Kris Peeters, Robert Roos, Miguel Urbán Crespo, Loránt Vincze, Petar Vitanov, Axel Voss, Maria Walsh
<b>Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Lukas Mandl

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

<b>53</b>	<b>+</b>
PPE	Vladimír Bilčík, Vasile Blaga, Lena Düpont, Balázs Hidvéghi, Monika Hohlmeier, Jeroen Lenaers, Lukas Mandl, Roberta Metsola, Kris Peeters, Emil Radev, Paulo Rangel, Ralf Seekatz, Loránt Vincze, Axel Voss, Maria Walsh, Javier Zarzalejos
S&D	Pietro Bartolo, Delara Burkhardt, Caterina Chinnici, Tudor Ciuhoodaru, Sylvie Guillaume, Evin Incir, Juan Fernando López Aguilar, Javier Moreno Sánchez, Birgit Sippel, Sylwia Spurek, Petar Vitanov, Bettina Vollath, Elena Yoncheva
RENEW	Malik Azmani, Sophia in 't Veld, Fabienne Keller, Moritz Körner, Ondřej Kovařík, Maite Pagazaurtundúa, Michal Šimečka, Ramona Strugariu
VERTS/ALE	Damian Boeselager, Patrick Breyer, Saskia Bricmont, Damien Carême, Alice Kuhnke, Terry Reintke, Tineke Strik
ECR	Lucia Ďuriš Nicholsonová, Patryk Jaki, Beata Kempa, Nicola Procaccini, Robert Roos
GUE/NGL	Konstantinos Arvanitis, Clare Daly, Cornelia Ernst, Miguel Urbán Crespo

<b>3</b>	<b>-</b>
ID	Nicolas Bay, Tom Vandendriessche
NI	Ann Widdecombe

<b>1</b>	<b>0</b>
NI	Kostas Papadakis

Tifsira tas-simboli użati:

- + : favur
- : kontra
- 0 : astensjoni